**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta San Ġiljan**

**Illum:** 22 ta' Lulju, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nico Zarb)**

**-vs-**

**Brian Zammit detentur tal-Karta tal-Identità numru 0544365M**

***Każ nru.3160/2025***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Brian Zammit** u ċioè talli:

> Nhar it-12 ta' Jannar, 2025, ghal ħabta ta' bejn il-ħinijiet ta' 04:15hrs u 04:30hrs, ġewwa l- istabbiliment bl-isem ta' 'Pizza Factory' li jinsab ġewwa Triq Santu Wistin, San Ġiljan, u/jew f'dawn il-Gżejjer:
>
> 1) Bħala persuna li f'ismek għandek il-liċenzja tal-ħanut Pizza Factory li jinsab fi Triq Santu Wistin, San Ġiljan, ippermettejt lil Elsayed Abdelsalam Abdo Alsisy jagħmilha ta' sostitut tiegħek mingħajr liċenzja mill-Awtorità Regolatorja
>
> 2) Bħala persuna li f'ismek għandek il-liċenzja tal-ħanut bl-isem Pizza Factory li jinsab fi triq Santu Wistin, San Ġiljan, inqast li tqiegħed ġewwa gwarniċ u f'post fejn jidher sewwa fil-ħanut, kopja ta' kull liċenzja jew permess mogħtija lilek mill-Awtorità Regolatorja dwar dak il-ħanut.

3) Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorità, ghal perjodu ta' zmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skont l-Artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

L-akkużi jirrigwardaw vjolazzjonijiet tar-***Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni u Diċenza Pubblika, Liġi Sussidjarja 10.9***..

Ir-regolament 2 jipprovdi:

> **2.** Dawn ir-Regolamenti jgħoddu biss għall-ħwienet li fihom jinbiegħu inbid, birra, jew likuri spiritużi sabiex jinxtorbu fil-ħanut stess jew li jinbiegħu f'daqsijiet ta' anqas minn flixkun sħiħ.

Minn dokumentazzjoni esibita mill-Malta Tourism Authority, u kif jikkonferma l-imputat, jirrizulta li l-istabbiliment li hu reġistrat fuq ismu hu tal-kategorija *Snack Bar, Second Class*.

Fir-Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel, Liġi Sussidjarja 409.15, insibu fir-regolament 2 tiegħu:

> "snack bar" tfisser stabbiliment li jipprovdi l-ikel, aċċessibbli għall-pubbliku, li jkollu bħala skop primarju l-**bejgħ ta' ikel għall-konsum fil-post jew f'post ieħor**, abbazi ta' servizz fuq **mejda jew bank**, skond standards imniżżla fit-Tielet Skeda;

Ir-regolament 5 imbgħad jkompli:

> 5(2). Snack bars għandhom jiġu klassifikati f'żewġ gradi differenti, magħrufa bħala "L-Ewwel Klassi" u "It-Tieni Klassi".

Għalhekk id-definizzjoni ta' ***'snack bar'*** **mhix marbuta ma xi bejgh ta xorb**, iktar u iktar jinbiegħx f'laned jew fliexken!!

Dan qed jingħad tenut kont tal-fatt li l-imputat jserraħ id-difiza tiegħu fuq il-fatt li r-Regolamenti ssostni l-każ tagħha fuq is-sottomissjoni li ir-***Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni u Diċenza Pubblika, Liġi Sussidjarja 10.9,*** ma japplikawx għal każ tagħha peress li l-imputat ma jbiegħx xorb li jista' jinxtorob fuq il-post iżda biss bħala *take-away.*

Madanakollu l-liċenzja tiegħu hi sempliċiment dik ta' *'Snack Bar' (Second Class)* kif regolat bit-Tielet Skeda tar- ***Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel, Liġi Sussidjarja 409.15,*** li fil-partita 3.3 tagħha tipprovdi espressament li Snack Bar tat-Tieni Klassi jista' jservi wkoll Birra u Spirti, **ma timponi ebda restrizzjoni jew limitatazzjoni dwar fejn jista' jiġi ikkonsmat dan ix-xorb jew f'liema qisien!!**

Għalhekk id-distinzjoni li jittenta jagħmel l-imputat biex jeżimi ruħu minn xi responsabiltà kriminali hi biss fabbrikazzjoni tiegħu stess u mhux waħda li temana mill-Liġi.

Iżda aktar importanti minn hekk, li jinsa l-imputat hu li mhux biżżejjed sabiex jiġi pruvat il-każ tiegħu li hu jagħmel dikjarazzjonijiet simili. Kwalunkwe prova teħtieġ korroborazzjoni u l-imputat naqas milli jipprovdi provi biex jikkorroboraw dak mistqarr minnu imqar sal-grad tal-probabbli; grad ferm inqas minn dak mistenni minnu!

Mhux talli hekk talli fl-**Affidavit ta' PS2418 A. Teuma**, l-istabbiliment mhux deskritt bħala xi gabbana jew xi *stall*, iżda ***"ħanut"*** li fih ra *"klijenti kienu qed iżommu biċċiet ta' pizza f'idejhom."*

Dwar l-ewwel imputazzjoni, mir-records ta' Jobsplus ma jirriżultax li Elsayed Abdelsalam Abdo Elsisy kien impjegat ma Zammit iżda ma Fuego Spekeasy, Hal-Qormi, u lanqas inġabet xi prova mill-imputat li dan ġie impjegat mill-Operatur li jsemmi fix-xiehda minn tiegħu.

L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw għat-tieni imputazzjoni, fejn il-Liġi terġa ma teżonerax lil xi *licencee* mill-obbligi tiegħu meta hu jkun taħa t-tmexxija ta stabbiliment reġistrat f'ismu lil terz:

> 27.Kull persuna bil-liċenza taħt dawn ir-Regolamenti għandha tqiegħed ġewwa gwarniċ u f'post fejn tidher sewwa fil-ħanut kopja ta' kull liċenza jew permess mogħtija lilha mill-Pulizija dwar il-ħanut, kif ukoll kopja stampata ta' dawn ir-Regolamenti.

Fil-każ in deżamina hu ppruvat, mil-Affidavit tar-rappreżentant tal-Malta Tourism Authority, li l-imputat kien il-licencee ta' Snack Bar, Second Class bl-isem *Pizza Factory*.

Iktar minn hekk ir-regolament 4(5) tar-***Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi (Disposizzjonijiet Ġenerali), L.S.409.08*** ukoll jipprovdu:

> (5 )Il-liċenza maħruġa mill-Awtorità dwar operazzjoni turistika għandha tinżamm disponibbli fil-post f 'kull waqt ta' l-attività turistika u għandha tintwera kull meta din tintalab minn xi rappreżentant ta' l-Awtorità.

Għaldaqstant ċertament ma jagħmel ebda sens li r-regolamenti li l-imputat hu akkużat bil-ksur tagħhom ma japplikawx għalih.

Tant hu hekk li l-***Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta,*** Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta fl-Artikolu 2 tiegħu jipprovdi:

> "attività turistika" tfisser lukanda, guest house, hostel, postgħall-vaganzi, dar li tintuża biex tipprovdi alloġġ lit-turisti,stabbiliment li jipprovdi ikel, aġenzija tal-ivvjaġġar, destinationmanagement company, aġenzija ta' turiżmu li ġej minn barra,operatur ta' ġiti organizzati, gwida tat-turisti, u servizzi oħra ta'turiżmu, sew jekk mogħti liċenza sew jekk le ....

u,

> "stabbiliment li jipprovdi ikel" tfisser kull bini, lokal jew stabbiliment ieħor, inkluż kull kjosk, ikun kif ikun deskritt, li jipprokura b'kumpens ikel u, jew, xorb inkluż kull inbid u spirti, għall-konsum;

Għaldaqstant id-distinzjoni li jittenta joħloq l-imputat hi waħda mhix konfortata mill-Liġi.

Ikkunsidrat ukoll,

Illi l-liċenzja esibita tindika li bħala operatur tal-stabbiliment Pizza Factory hemm ċertu Mohamed Geriwa, madanakollu fl-istabbiliment il-Pulizija sabu lil ċertu Elsayed Abdelsalam Abdo Alsisy.

Ir-regolament 4 tar-***Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi (Disposizzjonijiet Ġenerali), L.S.409.08,*** jipprovdi:

> (4)(a) Meta detentur ta' li`enza jkun irid iqabbad operatur biex imexxi l-attività turistika, kollha jew parti minnha, huwa għandu jikseb l-approvazzjoni minn qabel ta' l-Awtorità.
>
> (b) Jekk l-operatur ta' attività turistika, jew ta' parti minnha, huwa differenti mid-detentur tal-liċenza, dak id-detentur għandu jissottometti l-informazzjoni dwar l-operatur lill-Awtorità u għandu wkoll jinforma lill-Awtorità meta l-operatur jinbidel: .......

(f) Meta d-detentur tal-liċenza ma jippreżenta ebda informazzjoni dwar l-ingaġġar ta' operatur, kif meħtieġ skond dan ir-regolament, id-detentur tal-liċenza għandu, f 'kull każ ikun hu waħdu responsabbli biex jikkonforma mad-disposizzjonijiettal-liġi u tar-regolamenti maħruġin taħt l-istess liġi.

Dan ifisser li kien biss Zammit li kellu ir-responsabbiltà jaderixxi mar-regolamenti li dwar il-ksur tagħhom qed jiġi mixli u ħadd ħliefu ġaladarba l-persuna li nstabet fl-istabbiliment ma kienitx rikonoxxuta legalment bħala xi operatur jew sostitut tal-istess Zammit.

Iktar min hekk, ir-Regolamenti li dwarhom hu imputat Zammit, ma jeżonerawx l-*licencee* mill-obbligi naxxenti minnhom f'każ li jiġġestixxi n-negozju tiegħu permezz ta' operatur.

L-obbligu jibqa' dejjem fuq il-*licencee* li fil-ġestjoni tal-istabbiliment iżomm responsabiltà vikarja.

L-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni jgħid:

> Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat.

F'dan il-każ l-imputat ma ressaq l-ebda prova sabiex juri li hu eżerċita d-diliġenza mistennija minnu biex jassigura li ma kienx hemm vjolazzjonijiet tal-Liġi.

Dan seta faċilment issir ressaq bħala xhud l-operatur Geriwa. Dan ma sarx u għalhekk m'hemmx dubbju li l-imputat għandu jwieġeb personalment għall-ewwel imputazzjoni u dan peress huwa hu il-persuna bil-liċenzja u hadd għajru:

> 21.Ebda persuna bil-liċenza ma tista' timpjega persuna oħra biex tagħmel flokha jew bħala rappreżentanti tagħha mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li ***Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni u Diċenza Pubblika, L.S.10.09,*** japplikaw fl-intjier tagħhom fil-każ in deżamina.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 318 u 319 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolamenti 21 u 27 tar- Regolamenti dwar Ħwienet għall-Bejgħ tal-Inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, Bonordni u Diċenza Pubblika, L.S.10.09, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' sitt mitt ewro (€600).

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**